



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.6.2013
COM(2013) 451 final

2013/0218 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jadatta għadd ta' atti legali li jippreved l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju
mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-Trattat ta' Lisbona, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009, jimmodifika b'mod sostanzjali l-qafas għas-setgħat li huma mogħtija lill-Kummissjoni mil-leġislatur. Huwa jagħmel distinzjoni ċara bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġislattiv (atti delegati), minn naħa waħda, u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni min-naħa l-oħra. Dawn huma soġġetti għal oqsfa legali li huma kompletament differenti.

Id-definizzjoni tal-atti delegati, skont l-Artikolu 290(1) hija mil-lat ta' kliem użat simili ħafna ta' dik tal-atti li, skont id-Deċiżjoni 1999/468/KE ¹ (“id-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija”), huma suġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju (PRS) stabbilita fl-Artikolu 5a ta' din id-Deċiżjoni. Fiż-żewġ każijiet l-atti kkonċernati għandhom ambitu ġenerali u huma mmirati biex jemendaw jew biex jikkompletaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv.

Għal din ir-raġuni, ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija mir-Regolament (UE) Nru 182/2011² (“ir-Regolament dwar il-Komitoloġija”) ħalliet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija. L-Artikolu 5a li jistabbilixxi l-PRS għalhekk kellu jinżamm b'mod provviżorju għall-finijiet tal-atti bażiċi eżistenti li jirreferu għal dan l-Artikolu. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex formalment tadatta dawk id-dispożizzjonijiet eżistenti li jipprevedu l-PRS għar-reġim tal-atti delegati.

Il-Kummissjoni ħarġet din id-dikjarazzjoni fil-waqt tal-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Komitologija³:

“Rigward l-atti leġislattivi fis-seħħ li bħalissa fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, l-Kummissjoni se tirrevedi d-dispożizzjonijiet marbutin ma' din il-proċedura f'kull strument li għandha l-ħsieb li timmodifika, sabiex meta jasal iż-żmien xieraq tadattahom skont il-kriterji preskritti fit-Trattat. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jkunu intitolati li jindikaw l-atti bażiċi li jqisu importanti li jiġu adattati bi prijorità. Sa tmiem l-2012 il-Kummissjoni se tivvaluta r-riżultati ta' dan il-proċess sabiex tistma kemm ikun għad baqa' fis-seħħ atti leġislattivi li jkun fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Imbagħad il-Kummissjoni tħejji l-inizjattivi leġislattivi xerqin sabiex tlesti l-adattament. L-oġġettiv ġenerali tal-Kummissjoni huwa li, sa tmiem is-seba' mandat tal-Parlament, id-dispożizzjonijiet kollha li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju jkunu tneħħew mill-istrumenti leġislattivi kollha.”

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ISTRUMENTI BAŻIĊI KkonċERNATI MIL-ALLINJAMENT

Fi tmiem l-2012, kienu identifikati 288 att leġislattiv li għad fihom referenzi għall-PRS. Madwar 60 minnhom attwalment jinsabu fil-proċess leġislattiv u għaldaqstant mhumex ikkonċernati mill-proposta preżenti (dawk l-atti huma elenkati għal raġunijiet ta' informazzjoni fil-punt 4 hawn taħt).

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

³ Din id-dikjarazzjoni li kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali flimkien mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 19).

Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-istrumenti leġiżlattivi kollha li għadhom jirreferu għall-PRS sabiex tanalizza jekk il-miżuri tal-PRS koperti mid-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 290 tat-TFUE.

Din hija l-ewwel mit-tliet proposti li jadattaw għadd ta' strumenti leġiżlattivi li jirreferu għall-PRS għall-kriterji stipulati fit-Trattat. Hija tipprovdi għal trasformazzjoni tal-PRS f'atti delegati għall-atti leġiżlattivi bażiċi elenkati fl-anness. Hija bbażata fuq il-bażijiet legali tal-atti bażiċi kollha kkonċernati.

Regolament ieħor separat huwa proposit għall-atti leġiżlattivi fil-qasam tal-Ġustizzja b'referenza għall-PRS (COM(2013)452), minħabba li daww l-atti kienu adottati skont il-bażi legali f'konformità mat-Titolu V parti III tat-TFUE u għaldaqstant mhumiex vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha, u għalhekk irrikonċiljabbli mal-bażijiet legali tal-atti bażiċi l-oħra.

Fl-aħħar nett, it-tielet proposta se tkopri l-atti bażiċi li jifdal li jirreferu għall-PRS li huma soġġetti għal analiżi kontinwa.

3. METODU TAL-ADATTAMENT TAL-ISTRUMENTI LEĠIŻLATTIVI LI GĦADHOM JIRREFERU GĦALL-PRS

L-approċċ segwit minn din il-proposta huwa li jkun applikat il-metodu użat fir-Regolament tal-Komitoloġija u biex jallinja l-atti bażiċi li għad fihom il-PRS permezz ta' regolament qafas.

Ir-Regolament tal-Komitoloġija jipprovdi għall-allinjament awtomatiku tal-acquis eżistenti għall-proċeduri l-ġodda. L-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jistipula li, fejn l-atti bażiċi jirreferu għall-proċeduri previsti fid-Deċiżjoni tal-Komitoloġija, il-proċedura korrispondenti tar-Regolament tal-Komitoloġija tapplika.

Għaldaqstant, ir-regolament qafas preżenti jipprevedi li fejn l-istrumenti elenkati fl-Anness jagħmlu referenza għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadatta atti delegati.

F'każijiet fejn hemm skadenzi mnaqqsa għal oppożizzjoni, skont l-Artikolu 5a(5)(b) tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija, il-proposta tipprevedi skadenza ta' xahar sabiex issir oġġezzjoni (l-Artikolu 2(6) tal-proposta).

Il-proposta tadatta l-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni tal-Komitoloġija għall-proċedura ta' urġenza għall-atti delegati (l-Artikolu 3 tal-proposta).

L-adattament għar-reġim tal-att delegat mhux se jaffettwa l-proċeduri pendenti li għalihom diġà ngħatat opinjoni minn kumitat skont id-Deċiżjoni tal-Komitoloġija.

Atti bażiċi li huma adattati għar-reġim tal-atti delegati huma elenkati fl-anness tal-proposta. Il-lista hija organizzata skont l-oqsma ta' politika u l-ordni kronoloġika tal-adozzjoni tal-istrumenti.

4. LISTA TAL-ATTI BAŻIĊI LI JIRREFERU GĦALL-PRS LI ATTWALMENT QED IKUNU REVEDUTI

Qasam	Strument	Ir-referenza tal-proposta
AGRI	Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra	COM(2012) 150

AGRI	Id-Direttiva 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2000 rigward il-prodotti mill-kawkaw u miċ-ċikkulata maħsuba għall-konsum mill-bniedem	COM(2012) 150
CLIMA	Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi ħfief	COM (2012) 393
CLIMA	Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati	COM (2012) 643
CNECT	Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi	COM(2012) 238
EMPL	Id-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampj elettro-manjetiċi) (it-18-il Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)	COM(2011) 348
ENER	Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE	COM(2012) 595
ENER/CLIMA	Id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE	COM(2012) 595
ENTR	Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi	COM(2012) 8
ENTR	Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom	COM(2012) 584
ENTR	Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl	COM(2011) 769

ENTR	Id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi	COM(2011) 771
ENTR	Id-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni	COM(2011) 456
ENTR	Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursori tad-droga	COM(2012) 548
ENTR	Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)	COM(2011) 814
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 543/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istatistika tal-għelejjel u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 u (KEE) Nru 959/93;	COM (2012) 724
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej	COM(2012) 167
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (tfassil mill-ġdid);	COM(2012) 724
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (tfassil mill-ġdid)	COM(2012) 724
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (tfassil mill-ġdid);	COM(2012) 724
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1165/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE;	COM(2012) 724

ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96	COM(2012) 724
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' dejta tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri	COM(2012) 724
ESTAT	Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra fil-Komunità	COM (2012) 724
ESTAT	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità	COM(2013) 155
ESTAT	Id-Direttiva 96/16/KE tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 1996 fuq sħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib	COM(2012) 724
HOME	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil depożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz	COM(2008) 820
HOME	Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-Programm ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji	COM(2011) 751
HOME	Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji	COM(2011) 750
HOME	Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni	COM(2011) 751
HOME	Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)	COM(2011) 118
MARKT	Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)	COM(2011) 8

MARKT	Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati	COM(2011) 778
MARKT	Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professionali	COM(2011) 883
MARKT	Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi	COM(2011) 895
MARKT	Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali	COM(2011) 895
MARKT	Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID)	COM(2011) 656 COM(2011) 652
MARKT	Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)	COM(2011) 651
MOVE	Id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 (tfassil mill-ġdid)	COM(2012) 380
MOVE	Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port	COM(2012) 129
MOVE	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE, tal-20 ta' Diċembru 1996, dwar it-tagħmir marittimu	COM (2012) 772
MOVE	Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili	COM (2012) 776
MOVE	Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (Riformulazzjoni)	COM(2013) 30
MOVE	Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar is-sigurtà tal-ferroviji fil-Komunità li temenda d-Direttiva 95/18/KE tal-Kunsill dwar l-għoti ta' liċenzji lill-intrapriżi tal-ferroviji u tad-Direttiva 2001/14/KE dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar ta' miżati sabiex jintużaw l-infrastrutturi tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ferrovjarja)	COM(2013) 31
MOVE	Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq	COM (2011) 451

MOVE	Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru.	COM(2013) 410
MOVE	Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew.	COM(2013) 410
MOVE	Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew	COM(2013) 410
MOVE	Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas)	COM(2013) 410
MOVE	Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE	COM(2013) 409
MOVE	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabblixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali	COM(2013) 195
SANCO	Id-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' prattika korretta ta' klinika fit-twettiq ta' provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem	COM(2012) 369
SANCO	Id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabbiliment ta' network għas-sorveljanza epidemoloġika u kontroll ta' mard li jinxtred fil-Komunità	COM(2011) 866
SANCO	Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro	COM(2012) 541
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi	COM(2012) 542
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem	COM(2012) 542

SANCO	Id-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk	COM(2012) 788
SANCO	Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti	COM(2013) 78
SANCO	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali haġġin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE	COM(2013) 265
SANCO	Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġħalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali	COM(2013) 265
TAXUD	Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008	COM(2012) 64

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jadatta għadd ta' atti legali li jippreved l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33, 43(2), 53(1), 62, 64(2), 91, 100(2), 114, 153(2)(b), 168(4)(b), 172, 192(1), 207 u 338(1), tiegħu

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara trażmissjonijiet tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat ta' Lisbona jintroduċi l-possibilità li l-leġislatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġislattiv.
- (2) Il-miżuri li jistgħu jkunu koperti minn delegazzjoni ta' setgħat, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkorrispondu fil-prinċipju ma' daww koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni⁶.
- (3) Huwa neċessarju li għadd ta' atti diġà fi-seħħ li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jkunu adattati mal-Artikolu 290 tat-TFUE.
- (4) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri pendenti li fuqhom il-komitati diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (5) Ladarba l-adattamenti li għandhom isiru b'dan ir-Regolament jikkonċernaw biss proċeduri, fil-każ tad-direttivi, huma ma għandhomx għalfejn ikunu trasposti mill-Istati Membri.
- (6) Meta l-Kummissjoni tipprepara atti delegati abbażi tal-atti delegati adattati minn dan ir-Regolament, hija ta' importanza partikolari li twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, fit-tħejjija u fit-tfassil tal-atti delegati,

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adegwata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fejn l-atti legali elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament jipprovdu għall-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 5a(1) sa (5) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.
2. Fejn l-atti legali elenkati fl-Anness ma' dan ir-Regolament jipprovdu għall-użu tal-proċedura ta' urġenza msemija fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati tkun konferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.
3. Id-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka twassal għat-tmiem tad-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew minn data aktar 'il quddiem kif speċifikata fl-istess deċiżjoni. Ma taffettwax il-validità tal-atti delegati li jkun hemm diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinforma dwaru lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.
5. Att delegat jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jesprimu oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jkun estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.
6. Fejn l-atti legali elenkati fl-Anness ma dan ir-Regolament jipprevedu li l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 5a(3)(c) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE hija mnaqqsa skont l-Artikolu 5a(5)(b) ta' dik id-Deċiżjoni, il-perjodi stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jkunu stabbiliti għal xahar.

Artikolu 3

1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u japplikaw sakemm ma tkun espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.
2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat skont il-proċedura msemija fl-Artikolu 2(5). F'dak il-każ, il-Kummissjoni tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament ma jinčidix il-proċeduri pendenti li fuqhom kumitat ikun diġà ta l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Atti legali li jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE li huma adattati għar-reġim tal-atti delegati¹.

A. NETWORKS TA' KOMUNIKAZZJONI, KONTENUT U TEKNOLOĠIJA

1. Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)
2. Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (id-Direttiva tal-Aċċess)

B. IMPJIEGI, AFFARIJET SOĊJALI U INKLUŻJONI

3. Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskju relatat mal-espożizzjoni għal asbestos fuq il-post tax-xogħol**
4. Id-Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
5. Id-Direttiva 2006/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u ta' sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali) (id-19-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
6. Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
7. Id-Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (is-17-il Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
8. Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/44/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni) (is-16-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
9. Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**

¹ Għal raġunijiet ta' informazzjoni, atti legali li jirreferu għall-iskadenza mnaqqsa skont l-Artikolu 2(6) huma indikati f'dan l-Anness bi *, atti legali li jirreferu għall-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 3 huma indikati f'dan l-Anness bi ** u atti legali li jirreferu għall-proċedura ta' urġenza skont l-Artikolu 3 u għall-iskadenza mnaqqsa skont l-Artikolu 2(6) huma indikati f'dan l-Anness bi ***.

10. Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/92/KE tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-ħtiġijiet minimi għat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju mill-atmosferi splussivi (il-15-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
11. Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-14-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
12. Id-Direttiva tal-Kunsill 93/103/KE tat-23 ta' Novembru 1993 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (it-13-il Direttiva individwali li taqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
13. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/104/KEE tat-3 ta' Diċembru 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi biex tittejjeb is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema tal-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art (it-12-il Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
14. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE tat-3 ta' Novembru 1992 li tikkonċerna l-ħtiġijiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (il-11-il Direttiva individwali fil-qofol tat-tifsir tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
15. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi għall-provvista ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (id-disa' Direttiva individwali fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
16. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
17. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992, dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti**
18. Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'taġhmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
19. Id-Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korrimment tad-dahar għall-ħaddiema (ir-raba' Direttiva individwali fit-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**
